bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sup Martin Bayliss u
Sp Angelo Caruana)
vs
Noel Pepe, iben Anthony,
imwieled Pieta' fis-7 ta'
diċembru, 1979

Illum, 10 ta' novembru, 2000

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat -
1. talli, nhar il-erbgħa, u cioe' fil-31 ta' mejju, 2000, f'xi ħin bejn l-10.00 p.m. u l-11.00 p.m. minn Triq Lourdes, San Ġiljan ikkometta serq ta' *Yamaha car stereo* li għandu n-numru tas-serje 034382, minn ġewwa vettura ta' l-għamla *Toyota Starlet*, li għandha n-numru tar-reġistrazzjoni DAU 205, proprjeta' ta' Maryanne Bartolo minn Ħaż-Żebbuġ u liema *stereo* huwa stmat li jiswa aktar minn Lm10 iżda anqas minn Lm100 u liema serq hu aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanza, hekk kif indikat fl-akkuża preċedenti, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' *Yamaha car stereo*, bin-numru tas-serje 034382, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indaħal sabiex ibiegħha jew imexxiha;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanża, hekk kif indikat fl-ewwel akkuża, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, billi kisser ħġieġa tal-vettura *Toyota Starlet*, bin-numru tar-reġistrazzjoni DAU 205, proprjeta' ta' Maryanne Bartolo minn Ħaż-Żebbuġ u liema ħsara ġiet stmata li tiskorri l-Lm10 iżda ma tiskorriex Lm50;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanża, hekk kif indikat fl-ewwel akkuża, bil-ħsieb li jagħmel delitt, wera dan il-ħsieb b'atti esterni li taw bidu għall-ese-kuzzjoni tad-delitt, billi fetaħ l-cover tal-canvas tal-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni FAS 669, ta' l-għamla *Suzuki Samurai*, proprjeta' ta' Fiona Darmanin mix-Xgħajra, bil-għan li jikkometti serq ta' 'car stereo', liema serq ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, liema attentat ta' serq hu aggravat bil-ħin;
5. talli kif indikat fl-ewwel erba' akkużi kien kompliċi fid-delitt ta' serq u riċettazzjoni ta' *Hi-Fi equipment* u ħsara volontarja min u fuq il-vettura ta' l-għamla *Toyota Starlet* bin-numru tar-reġistrazzjoni DAU 205, kif ukoll fl-attentat ta' serq mill-vettura ta' l-għamla *Suzuki Samurai*, bin-numru tar-reġistrazzjoni FAS 669, billi xjentement għen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitti fl-atti li bihom id-delitt ġew ippreparati jew ikkunsmati jew xewwex lil ħaddieħor, inkella saħħaħ il-volonta' tagħhom sabiex jagħmlu d-delitti msemmija ta' serq u attentat t' serq, riċettazzjoni u ħsara volontarja;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-24 ta' lulju, 2000 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' novembru, 2000 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibux ħati tat-tieni u tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu u kwindi tilliberah minn tali akkużi. Issibu ħati tal-akkużi kollha l-oħra miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(a)(b)(ċ)(f)(g), 262(1)(b), 263(a), 267, 270, 271, 278(1)(2)(3), 325(ċ), 41, 42, 43, 44 u 45 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.